

Brussell, 10 ta' Jannar 2023
(OR. en)

15332/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0352 (NLE)

ACP 127
WTO 225
COAFR 351
RELEX 1611
AGRI 677
AGRIORG 129

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokomitat tal-FSE dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Preliminari
lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa,
u l-Parti AfrikaĊentrali, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat tal-FSE
dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, (il-“Ftehim”)¹, ġie ffirmat fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE², u ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-4 ta' Awwissu 2014.
- (2) Skont il-Ftehim, il-Parti Afrika Ċentrali hija komposta mir-Repubblika tal-Kamerun.
- (3) Skont l-Artikolu 92 tal-Ftehim, huwa stabbilit Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali, li għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-oqsma kollha koperti mill-Ftehim u għat-twettiq tal-kompiti kollha msemmija fih.

¹ ĠU L 57, 28.2.2009, p. 2.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 57, 28.2.2009, p. 1).

- (4) Skont l-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali, adottati fil-15 ta' Diċembru 2016 bid-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kumitat tal-FSE¹, għat-tweqqiq effettiv tal-kompiti tiegħu, il-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali jista' jistabbilixxi taħt l-awtorità tiegħu sottokumitati responsabbli għat-trattament ta' suġġetti speċifiċi skont il-Ftehim. Għaldaqstant, il-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali jista' jistabbilixxi Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-istabbiliment ta' Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali peress li din se jkollha effetti legali fl-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 17, 21.1.2017, p. 46.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' Sottokumitat dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
